MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### MARK CHETCUTI

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 221/2013

**Av. Dottor Antoine Camilleri bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Nike International Limited**

**vs**

**Dr. Joseph Ellis u P.L. Peter Paul Zammit gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Algeria Gulf Bank Algier, Algeria lis-socjeta' China Hongda Import and Export Co., Ltd, 12 F Jinglong World Trade Building, 299 Futian Road, Yiwu, Zhejiang b'digriet tat-2 ta' April 2013 u l-kuraturi deputat P.L. Peter Paul Zammit gie sostitwiet bil-kuratur deputat P.L. Liliana Buhagiar b'digriet tat-13 ta' Mejju 2013**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tas-6 ta' Marzu 2013 li jghid hekk:
1. Illi s-socjeta Nike International Limited ta' One Bowerman Drive, Beaverton, Oregon, 97005-6453, tal-Istati Uniti tal-Amerika hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju "NIKE" u l-markju distintiv maghruf bhala "Swoosh Design", liema markji huma wzati minn din is-socjeta fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg (inkluzi qliezet sportivi), zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti "A", "B","C" u "D";

2. Illi s-socjeta rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta industrijali tal-istess markji "NIKE" u "Swoosh Design" fil-komplessita taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f'Malta taht Trademark No. 17123 (kif muri f'Dok. "A"), u Trademark No. 17125 (kif muri f'Dok. "B"), kif ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta rikorrenti ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku "Swoosh Design" u dan kollu ai termini tal-artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, liema markju "Swoosh Design" huwa wkoll irregistrat bhal Trademark Komunitarja mal-'Office for Harmonization in the Internal Market' tal-Unjoni Ewropeja (ibbazat f'Alicante, Spanja) taht Numru 000277632 ("Swoosh Design" – "outline form") (kif muri f'Dok. "C") u Numru 000277517 ("Swoosh Design" – "solid form") (kif muri f'Dok. "D");

3. Illi jirrizulta illi fil-31 ta' Jannar 2013 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur "CMA CGM ALMAVIVA" u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' zraben sportivi li jgibu l-markji tas-socjeta rikorrenti fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f'erbat elef hames mija u sitta u tletin (4,536) par zraben sportivi, b'Container Numru ECMU8021054 u f'ghaxart elef mija u tmienja u sebghin (10,178) par zraben sportivi, b'Container Numru ECMU8057381, u li lkoll ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414;

4. Illi mill-Polza ta’ Kargu Numru SHZ1415910 u SHZ1428486 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. “I1” u Dok. “I2”) jirrizulta li l-konsenjatarji taz-zraben sportivi in kwistjoni huma ndikati bhala “To Order Of Algeria Gulf Bank Algier, Algeria”, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-Shipper huma ndikati bhala “China Hongda Import and Export Co., Ltd, 12 F Jinglong World Trade Building, 299 Futian Road, Yiwu, Zhejiang”;

5. Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta intellettwali huwa projibit skond l-artikolu 4 tal-istess Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Illi dawn z-zraben sportivi in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti skond l-artikolu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-Kap. 414, li favur taghha huma rregistrati l-markju “NIKE” u l-markju distintiv maghruf bhala “Swoosh Design”, u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti skond l-artikolu 2(1)(b) tal-istess Kap. 414, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamlet rapprezentanta tas-socjeta estera Nike Italy SRL ghas-socjeta rikorrenti (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. “E1” u Dok. “E2”);

7. Illi din il-konsenja ta’ zraben sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap. 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. “H1” u Dok. “H2”);

8. Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita Ewropeja u fil-kazistika tal-‘European Court of Justice’ illi r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropeja u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tas-26 ta’ Frar 2009 fuq it-Trademark Komunitarja ghandhom jigu

nvokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;

9. Illi l-artikolu 9 tal-Avviz Legali Numru 233 tal-2003 intitolat “Regoli ta’ l-2003 dwar it-Trademark Komunitarja” jistipula illi l-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar Trademarks Komunitarji huma l-Prim’Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell;

10. Illi l-Avukat Dr. Antoine Camilleri noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li inghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent nomine jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija (skond l-artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414);

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ zraben sportivi li tikkonsisti f’erbat elef hames mija u sitta u tletin (4,536) par zraben sportivi, b’Container Numru ECMU8021054 u f’ghaxart elef mija u tmienja u sebghin (10,178) par zraben sportivi, b’Container Numru ECMU8057381, da parti tas-socjetajiet intimati jew min minnhom u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f’isem is-socjeta rikorrenti bin-Numri 17123 u 17125 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi

s-socjeta rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha “Swoosh Design”;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ zraben sportivi li tikkonsisti f’erbat elef hames mija u sitta u tletin (4,536) par zraben sportivi, b’Container Numru ECMU8021054 u f’ghaxart elef mija u tmienja u sebghin (10,178) par zraben sportivi, b’Container Numru ECMU8057381, da parti tas-socjetajiet intimati jew min minnhom u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-Trademarks Komunitarji Numru 000277632 (“Swoosh Design” – “outline form”) u Numru 000277517 (“Swoosh Design” – “solid form”) registrati f’isem is-socjeta rikorrenti (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tas-26 ta’ Frar 2009 fuq it-Trademark Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja));

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjetajiet intimati jew min minnhom, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista’ skond it-termini tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-konfront tas-socjeta rikorrenti;

6. Tordna lis-socjetajiet intimati jew min minnhom sabiex ihallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u tal-

ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414;

Bl-ispejjez, kontra s-socjetajiet intimati jew min minnhom li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digrieti tat-2 ta' April 2013 u tat-13 ta' Mejju 2013 fejn gew nominati l-kuraturi deputati indikati sabiex jidhru ghall-entitajiet intimati;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputat Dr. Joseph Ellis tat-8 ta' Mejju 2013 tghid hekk:

1. Illi huwa, fil-kwalita tieghu ta' kuratur deputat sabiex jirraprezenta lis-socjeta Algeria Gulf Bank Algier u lis-socjeta Chin Hongda Import and Export Co. Limited, m'huwiex prezentement edott mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghaldaqstant, jirriserva illi jdahhal eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuratur deputat P.L. Liliana Buhagiar nominata biex tirraprezenta lis-socjeta Algeria Gulf Bank Algier u lis-socjeta Chin Hongda Import and Export Co. Limited, tat-30 ta' Mejju 2013 tghid hekk:

1. Illi hija, fil-kwalita taghha ta' fuq imsemmija, m'hijiex prezentement edotta mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstant tirriserva li ddahhal eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett d'ostakolo.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li s-socjeta attrici hija proprjetarja ta’ diversi markji fost ohrajn tal-markju ‘NIKE’ u l-markju distintiv maghruf bhala “Swoosh Design”, liema markji huma uzati minn din is-socjeta fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg (inkluzi qliezet sportivi), zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti A sa D, liema markji huma registrati fir-Registru tal-Markji Malta taht Trademarks bin-numri 17123 u 17125 u dawk Komunitarji bin-numri 000277632 u 000277517.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f’containers numri ECMU8021054 u ECMU8057381 li kienu inhattu fil-port hieles ta’ Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM ALMAVIVA li kien diehel Malta fil-31 ta’ Jannar 2013 l-Ufficjali tad-Dwana sabu zewg konsenji ta’ zraben sportivi li jgibu l-markji tas-socjeta rikorrenti liema konsenji jikkonsistu rispettivament f’erbat elef hames mija u sitta u tletin (4,536) u f’ghaxart elef mija u tmienja u sebghin (10,178) par zraben sportivi u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapporti datati 8 ta’ Frar 2013 (Dok. AC1 fol. 84) u 22 ta’ Frar 2013 (Dok. AC2 fol. 88) maghmula minn Elena Pigozzi, Brand Protection Manager tas-socjeta rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skond il-ligi, u fit-terminu ndikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. GA1 fol. 81) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapporti ta’ Elena Pigozzi li kkonfermat li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit ta' George Agius, Ufficjal tad-Dwana datat 29 ta' April 2013 (Dok. GA1 fol. 82 u 83). Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zewg kunsenji ta' erbat elef hames mija u sitta u tletin (4,536) u ta' ghaxart elef mija u tmienja u sebghin (10,178) par zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414);

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' dawn il-konsenji ta' zraben sportivi ta' erbat elef hames mija u sitta u tletin (4,536) par zraben sportivi, b'Container Numru ECMU8021054 u ta' ghaxart elef mija u tmienja u sebghin (10,178) par zraben sportivi, b'Container Numru ECMU8057381, da parti tas-socjetajiet intimati u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti nkwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta rikorrenti, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "Swoosh Design";

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex abbazi fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi z-zraben sportivi in kwistjoni

minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjetajiet intimati, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lis-socjetajiet intimati jhallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414 kif jirrizulta mill-affidavit tar-rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana Dok. GA1 fol. 82 u 83;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames talba attrici billi ma hemmx bzonnha;

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet/entitajiet konvenuti b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------